C/2024/3812

13.6.2024

Avviż minn qabel ta' konċentrazzjoni

(Każ M.11519 — COGNE ACCIAI SPECIALI / MANNESMANN STAINLESS TUBES)

Każ li jista' jiġi kkunsidrat għal proċedura ssimplifikata

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(C/2024/3812)

1. Fil-5 ta' Ġunju 2024, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skont l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ([1]).

Dan l-avviż jikkonċerna l-impriżi li ġejjin:

— Cogne Acciai Speciali S.p.A. ("Cogne Acciai Speciali", l-Italja), ikkontrollata minn Walsin Lihwa Corporation (it-Tajwan),

— Mannesmann Stainless Tubes GmbH ("Mannesmann Stainless Tubes", il-Ġermanja), ikkontrollata minn Salzgitter AG (il-Ġermanja).

Cogne Acciai se takkwista, skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament dwar l-Għaqdiet, il-kontroll uniku u sħiħ ta' Mannesmann Stainless Tubes.

Il-konċentrazzjoni hija mwettqa permezz ta' xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet kummerċjali tal-impriżi kkonċernati huma dawn li ġejjin:

— Cogne Acciai Speciali hija produttur ta' prodotti tal-azzar inossidabbli twal (bħal vireg tal-wajer u bars), kif ukoll prodotti nofshom lesti tal-azzar inossidabbli u ligi tan-nikil (bħal blooms u billets),

— Mannesmann Stainless Tubes hija produttur ta' tubi tal-azzar inossidabbli u tal-ligi tan-nikil u, sa ċertu punt, tubi tal-azzar bil-karbonju.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni tqis li t-tranżazzjoni notifikata tista' taqa' fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament dwar l-Għaqdiet. Madankollu, id-deċiżjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

Skont l-Avviż tal-Kummissjoni dwar trattament simplifikat għal ċerti konċentrazzjonijiet skont ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 dwar il-kontroll ta' konċentrazzjonijiet bejn l-impriżi ([2]) jenħtieġ li jiġi nnutat li dan il-każ jista' jiġi kkunsidrat għal trattament skont il-proċedura stabbilita fl-Avviż.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil terzi persuni interessati biex jibagħtulha l-kummenti li jista' jkollhom dwar l-operazzjoni proposta lill-Kummissjoni.

Il-kummenti jridu jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem wara d-data ta' din il-pubblikazzjoni. Jenħtieġ li r-referenza li ġejja dejjem tiġi speċifikata:

M.11519 — COGNE ACCIAI SPECIALI / MANNESMANN STAINLESS TUBES

Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni permezz ta' email jew bil-posta. Uża d-dettalji ta' kuntatt ta' hawn taħt:

Email: COMP-MERGER-REGISTRY@ec.europa.eu

([1]) ĠU L 24, 29.1.2004, p. 1 (ir-"Regolament dwar l-Għaqdiet").
([2]) ĠU C 160, 5.5.2023, p. 1.

Indirizz postali:

European Commission
Directorate-General for Competition
Merger Registry
1049 Bruxelles/Brussel
BELGIQUE/BELGIË